SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦAMSA**

**28 ta' Settembru, 2009**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fil-5.35 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Joseph Agius, il-Viċi Sindku Etienne Bonello DuPuis, u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Marica Bayliss, David Dalli u Neville Mallia.

**SKUŻATA**

Il-Kunsillier Joan Farrugia.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Joseph Agius ppresjeda.

Ġiet ippreżentata mozzjoni b'urġenza mill-Kunsillier Violet Bajada, li tinsab anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokument "5A", li ġġib it-titolu "*Data tal-Laqgħat u l-Aġenda tal-Minuti*".

Saret diskussjoni dwar il-mertu tal-mozzjoni fejn kien inottat illi l-Ordnijiet Permanenti u l-Att tal-Kunsilli Lokali kif inhuma fis-seħħ preżentament ma jagħtux żmien meta tinħareġ l-Aġenda, filwaqt li jindikaw illi mozzjoni għandha tiġi ppreżentata lil Segretarju Eżekuttiv sitt ijiem qabel.

Kien għalhekk deċiz illi fiċ-ċirkostanzi li ssejħet il-laqgħa tal-lum, sew il-Kunsill kif ukoll l-amministrazzjoni aġixxew skond ma' titlob il-Ligi.

Fuq proposta tal-Viċi Sindku, il-Kunsill unanimament qabel li jbiddel l-ordni tal-ġurnata billi jiġi diskuss issa *item* numru 3 ta' l-Aġenda.

## 5.3 Ittra ta' Direzzjoni u Risposta tal-Kunsill

5.3.1 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw l-abbozz tar-Risposta tal-Kunsill għall-Ittra ta' Direzzjoni tal-Awdituri Lokali għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Marzu, 2009, u li kopja tagħha tinsab anessa bħala dokument "5B" ma' dawn il-Minuti.

5.3.2 Hekk kif kien deċiż mill-Kunsill dan l-abbozz kien ġie mħejji wara konsultazzjoni professjonali tas-Sur Joseph Azzopardi, Awditur.

5.3.3 Is-Sindku sejjaħ lis-Sur Azzopardi sabiex jagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

5.3.4 Il-Kunsill kien infurmat mis-Sur Azzopardi, li ta rendikont dwar kull punt imsemmi fir-Risposta tal-Kunsill, illi bħal prinċipju ġenerali r-Risposta tal-Kunsill għandha tiġi approvata peress li toffri direzzjoni lejn operat finanzjarju aħjar tal-Kunsill filwaqt li tagħraf u tindirizza n-nuqqasijiet kif ukoll tagħmel osservazzjonijiet fuq xi kummenti tal-Awdituri Lokali li ma hemmx qbil ma' dak imsemmi minnhom fl-Ittra ta' Direzzjoni.

5.3.5 Is-Sindku rringrazzja lis-Sur Azzopardi u talbu jirtira.

5.3.6 Il-Kunsillier Violet Bajada ressqet din il-mozzjoni:

*5.3.7 "Il-Kunsill jaqbel mar-rakkomandazzjonijiet mogħtija, u għaldaqstant japprova r-Risposta tal-Kunsill għal Ittra ta' Direzzjoni tal-Awdituri Lokali għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Marzu, 2009."*

5.3.8 Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku u approvata unanimament.

5.3.9 Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici ħareġ mill-kamra fis-6.10pm.

5.3.10 Fuq proposta tas-Sindku, l-Kunsill qabel li jkompli bl-aġenda kif imsejħa.

**5.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

5.1.1 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra u japprova l-Minuti tal-laqgħa numru 4 ta' l-1 ta' Settembru, 2009.

5.1.2 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

5.1.3 *"Il-Kunsill jaqbel illi f'minuti 4.1.28 il-kliem "Surġent" għandhom jinbiddlu għal "Spettur"."*

5.1.4 Din l-emenda kienet issekondata mis-Sindku u għaddiet unanimament.

5.1.5 Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici daħal lura fil-kamra fis-6.14pm

5.1.6 F'dan l-istadju, l-Kunsill kien infurmat li saret laqgħa mal-Ispettur Spiteri u li intbagħtu bosta *reminders* sabiex issir il-laqgħa mal-Ministru tal-Ġustizzja u Intern.

5.1.7 Emenda mressqa mill-Kunsillier Neville Mallia:

5.1.8 *"Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 4.2.6 minflok il-kliem "biż-żewġ ħaddiema" għandhom jidħlu l-kliem "bil-ħaddiem wieħed"."*

5.1.9 Din l-emenda kienet issekondata mis-Sindku u għaddiet unanimament.

5.1.10 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

5.1.11 *"Il-Kunsill japprova l-Minuti ta' seduta numru 4 (1 ta' Settembru, 2009) kif emendati."*

5.1.12 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku u għaddiet unanimament.

5.1.13 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra u japprova l-Minuti tal-laqgħa numru 4 kontinwazzjoni tas-7 ta' Settembru, 2009.

5.1.14 Emenda mressqa mill-Kunsillier Neville Mallia:

5.1.15 *"Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 4.11.5 wara "ikkontrollat" jidħlu l-kliem "ftit mill-"."*

5.1.16 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u għaddiet unanimament.

5.1.17 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din l-emenda:

5.1.18 *"Il-Kunsill jaqbel illi f'minuta 4.12.24 wara l-kliem "Triq Oreste Kirkop" jidħlu l-kliem "k/m Triq George Tayar"."*

5.1.19 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier David Dalli u għaddiet unanimament.

5.1.20 Emenda mressqa mill-Kunsillier David Dalli:

5.1.21 *"Il-Kunsill jaqbel illi f'minuta 4.12.9 wara l-kliem "Triq Wied Għollieqa" jidħlu l-kliem "Triq it-Tellerit k/m parti minn Triq Sliema u Triq Albert Laferla k/m parti minn Triq Antonio Schembri"."*

5.1.22 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u għaddiet unanimament.

5.1.23 Emenda mressqa mill-Kunsillier Rita Saliba:

5.1.24 *"Il-Kunsill jaqbel illi f'minuta 4.12.24 fl-aħħar tas-sentenza jiżdiedu l-kliem "kif ukoll traffic management fl-aħħar parti ta' Triq il-Kapuċċini u parti minn Vjal ir-Rihan"."*

5.1.25 Din l-emenda kienet issekondata mis-Sindku u għaddiet unanimament.

5.1.26 Il-Kunsillier Rita Saliba ressqet din il-mozzjoni:

5.1.27 *"Il-Kunsill japprova l-Minuti ta' seduta numru 4 kontinwazzjoni (7 ta' Settembru, 2009) kif emendati."*

5.1.28 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Violet Bajada u għaddiet unanimament.

5.1.29 Dwar minuta 4.1.35 il-Kunsill kien infurmat li ż-żewġ *skips* ta' Triq il-Virdun, tpoġġiet waħda fi Triq il-Baltiku u oħra fi Triq R. Caruana Dingli, filwaqt li fi Triq Ċensu Barbara u Triq San Ġiljan għad iridu jitpoġġew.

5.1.30 Rigward minuta 4.2.3 il-Kunsill qabel li l-fondi addizjonali mogħtija, għandhom ikunu nvestiti fil-libreriji lokali, u li għalhekk għandha tintalab kwotazzjoni għal xkaffar u xi xogħlijiet żgħar oħra sabiex jitjiebu l-faċiltajiet fl-istess librerija.

5.1.31 Dwar minuta 4.11.2 il-Kunsill ġie nfurmat li ntbagħtet ittra lir-resident li għandu s-siġra fi Triq il-Kapuċċini kif ukoll lil residenti oħra li qed joħolqu l-istess ostaklu kif ukoll li ntalab il-parir legali tal-Avukat Ġenerali, u li l-Ispettur ta' l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġwann ssuġġerixxa lil Kunsill sabiex jinfurmah jekk dawn ir-residenti jibqgħu ma jieħdux azzjoni.

5.1.32 Dwar minuta 4.12.18, il-Kunsill kien mgħarraf li waqt seminar organizzat mill-*Malta Tourism Society*, li għalih attendew il-Kunsilliera Violet Bajada u Joan Farrugia, ġew infurmati li din is-soċjeta rċeviet ilmenti li l-*Cart Ruts* qed ikunu magħluqa u ġie deċiż li l-Kunsill jinforma lil din is-soċjeta bid-deċiżjoni tiegħu.

5.1.33 Il-Kunsillier David Dalli ħareġ mill-kamra fis-7.05pm

5.1.34 Rigward minuta 4.12.21 il-Kunsill kien mgħarraf li ntbgħatet korrispondenza lil *Environmental Landscape Consortium* peress li minn dakinhar li saret il-laqgħa ma' dawn il-kuntratturi, it-talbiet li saru min-naħa tal-Kunsill għadhom ma ġewx fis-seħħ.

5.1.35 Il-Kunsillier David Dalli daħal lura għal-laqgħa fis-7.10pm.

5.1.36 Rigward minuta 4.10.3 il-Kunsill kienu mgħarraf li ser ikunu nfurmati hekk kif ikun hemm data ta' laqgħat tas-Sotto Kumitati.

5.1.37 Rigward minuta 4.12.6 il-Kunsill ġie mgħarraf li għadu qed jistenna risposta mingħand il-*host* tal-*website* sabiex tiġi *updated* il-paġna tal-membri tal-Kunsill.

5.1.38 Dwar minuta 4.6.2 il-Kunsill kien infurmat li l-Bord Editorjali ser jiġi mgħarraf bid-data tal-laqgħa mal-*Union Print Ltd.*

5.1.39 Dwar minuta 4.12.12 il-Kunsill ġie mgħarraf li l-mera ta' Triq il-Virdun qegħda għat-tiswija.

5.1.40 Rigward minuta 4.12.26 dwar l-attivita' ta' tberik ta' l-annimali, il-Kunsill kien infurmat li l-ispiża ***"ghas-servizz ta' l-Iscouts"*** ta' €230 nieżlet għal €120 u li t-tindif tat-toroq mhijiex inkluża ma' dan l-ammont iżda trid toħroġ *works order*.

**Emendata Laqgha nr. 6**

5.1.41 Il-Kunsill kien mgħarraf li l-*business cards* tal-Kunsilliera għandhom jaslu dalwaqt.

5.1.42 Rigward l-arloġġi tal-parkeġġ, il-Kunsill ġie nfurmat li dawn jistgħu jinxtraw mill-Kunsill stess.

## 5.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku

5.2.1 Dwar il-laqgħa li ntalbet mal-Awtorita' dwar it-Trasport, il-Kunsill kien ġie nfurmat illi minħabba *enforcement notice* hemm direttiva tal-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, sabiex ma jsirux laqgħat ma' Kunsilli Lokali li jkollhom tali avviżi.

5.2.2 Il-Kunsill qabel li għandha ssir kommunikazzjoni mal-Ministru kkonċernat peress li mhux tal-opinjoni li d-direttiva kienet tikkonċerna lil Kunsill f'dan ir-rigward, u qed tirrendi sitwazzjonijiet li hemm bżonn ta' mmanġjar tat-traffiku li qed jitħallew pendenti għad-detriment tal-komunita'.

5.2.3 Il-Kunsill ġie nfurmat b'Memo numru 46/2009 rigward Ftuħ ta' l-Uffiċċini Amministrattivi tal-Kunsilli Lokali kull nhar ta' Sibt li ser tibda mis-17 ta' Ottubru, 2009 u li l-impjegati klerikali tal-Kunsill ser jibdew joperaw il-*front office* fuq

sistema ta' *roster* għal mhux iktar minn erba' siegħat, bi ħlas ta' *overtime* jew *time-off-in-lieu*.

5.2.4 Rigward *ESF: Opportunities Close to Home* il-Kunsill kien mgħarraf li fuq dan il-proġett il-fondi mill-Unjoni Ewropea kienu żdiedu, flimkien ma' Kunsilli Lokali oħra, ser jibdew korsijiet fil-qarib.

5.2.5 Il-Kunsill kien mgħarraf b'ittra riċevuta mingħand il-*Kappara Residents' Voluntary Action Group*, li magħhom is-Sindku kien ukoll żamm laqgħa.

5.2.6 Rigward ittra li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Francis Grech dwar statwa ta' San Ġwann l-Għammiedi, il-Kunsill qabel li jiltaqa' mas-Sur Grech sabiex jiġi kkjarifikat dak imsemmi fl-istess ittra.

**5.4 Skema ta' l-Attivitajiet Sportivi**

5.4.1 Il-Kunsill ġie nfurmat bl-Iskema li ġiet imnedijja, dwar Inizzjattivi Sportivi 2010, fejn il-Kunsill għandu japplika sat-30 ta' Ottubru, 2009.

**5.5 Approvazzjoni: Ħlas ta' Penali għal Permess ta' l-Uffiċċju**

5.5.1 Il-Kunsill unanimament qabel li għandha tiġi imħallsa l-penali ta' €2,318.56 imposta mill-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar tal-MEPA sabiex jinħareġ il-permess lil Kunsill għal *change of use* tal-uffiċċju amministrattiv tiegħu.

**5.6 Ħtiġijiet tal-Kunsill għal Kuntratt ta' Skart Imħallat**

5.6.1 Il-Kunsill kien ippreżentat b'kopja tal-*memorandum* mibgħut mis-Segretarju Eżekuttiv bil-għan li l-kwestjonarju dwar il-ħtiġijiet tal-Kunsill, li kien hemm qbil li jsir fil-laqgħa preċedenti, jiġi diskuss issa kif ukoll il-kunsiderazzonijiet finanzjarji jiġu diskussi issa.

5.6.2 Billi l-ebda kwestjonarju ma kien mgħoddi qabel il-laqgħa, kien hemm qbil unanimu li l-mili tiegħu isir f'dan l-istadju u li a bażi tiegħu jkunu mfassla l-ħtiġijiet tal-Kunsill għal ħruġ immedjat tas-sejħa tal-offerta.

5.6.3 F'dan l-istadju, saret diskussjoni mill-Kunsill dwar ir-rata l-ġdida tad-*disposal fee* li trid tibda tiġi mħallsa mill-Kunsill u li din se tlaħħaq għal €20 t-tunellata flok is-€0.77c preżenti, fejn minn kalkoli jirriżulta li l-lokalita' ta' San Ġwann suppost tarmi 5,000 tunellata ta' skart fis-sena, iżda fuq l-istess perjodu ta' sena ġew depożitati kważi 8,000 tunellata.

5.6.4 Kien innotat li din id-differenza hi probabilment riżultat tal-iskart eċċessiv li jintefa madwar u fil-190 *skips* li hemm madwar il-lokalita' u li jista' ma jkunx ta' residenti

kif ukoll li qed jiġi mormi ammont ta' skart minn stabillimenti kummerċjali kif ukoll uffiċċini.

5.6.5 Kien stmat illi d-differenza f'dan mhux se tiġi rifusa lura lil Kunsill mill-Gvern Ċentrali peress li l-kalkoli tal-Gvern huma a bażi tar-residenti biss u li din tista' tlaħħaq għal eluf ta' ewro fis-sena.

5.6.6 Kien ukoll ikkunsidrat li d-direzzjoni mogħtija mill-Gvern Ċentrali kienet illi jiġi separat iktar l-iskart fil-lokalita' peress li r-rata ta' skart isseparat se tkun ta' €0.50c għal kull tunellata u għaldaqstant kien qed jiġi propost il-minimu ta' erbat ijiem ġbir ta' skart imħallat fil-ġimgħa.

5.6.7 Kien evalwat mill-Kunsill il-kapaċita li jnaqqas l-ammont ta' skart imħallat li jiġi depożitat, billi jevalwa il-possibilitajiet kollha li jagħti l-kuntratt.

5.6.8 Kien hemm qbil li jsir eżerċizzju sabiex jiġu identifikati l-ammont ta' *skips* u fejn kien jirriżulta li hemm ammont eċessiv, dawn għandhom jonqsu, u li għandu jiġi addotat il-prinċipju li s-servizz ikun ta' ġbir bieb b'bieb u li jinkludi wkoll servizz ta' *skips* għal żoni partikolari u għal dawk ir-residenti li ma jkunx possibli li jħallu l-iskart wara l-bieb.

5.6.9 Kienet diskussa wkoll l-opportunita' li jagħti l-kuntratt li ma jinġabarx l-iskart minn stabbilimenti kummerċjali u uffiċini privati, li ma kienx hemm qbil li għandu jitwaqqaf tali servizz mill-Kunsill jew li dan isir bi ħlas għal komunita' kummerċjali.

5.6.10 Saret evalwazzjoni tal-ġranet tas-servizz, fejn kien hemm qbil li jkun fuq erbat ijiem għal ġbir ta' skart bieb b'bieb u l-jumejn l-oħra jsir ġbir ta' skart separat, filwaqt li l-*iskips* u l-*litter bins* ikun hemm ġbir ta' kull jum.

5.6.11 Saret ukoll diskussjoni dwar il-ħinijiet tal-ġbir tas-servizz, fejn ġew diskussi diversi possibilitajiet, fejn kien hemm qbil li l-ġbir tal-iskart bieb b'bieb isir filgħodu filwaqt li dak tal-*iskips* isir wara nofsinhar.

5.6.12 Il-Kunsillier Violet Bajada ġiet skużata mil-laqgħa fit-8.30pm.

5.6.13 Kopja tal-kwestjonarji mimlija mill-Kunsilliera kienet mgħoddija lis-Segretarju Eżekuttiv u li a bażi tagħhom kien inkarigat joħroġ is-sejħa tal-offerta immedjatament.

5.6.14 Il-Viċi Sindku ġie skużat mil-laqgħa fid-8.45pm.

## 5.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Rapporti tal-*Contracts' Manager*

5.7.1 Il-Kunsill approva unanimament ir-rapporti mressqa mill-*Contracts' Manager* li jkopru l-perjodu ta' bejn l-24 t'Awissu, 2009 u s-6 ta' Settembru, 2009, u li kopja tagħhom hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokumenti "5Ċ" u "5D".

## 5.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet u Attivitajiet

5.8.1 Rigward tappiera tad-drenaġġ fi Triq San Ġużepp fejn *St. Michael's School*, li allegatament ġiet misduda meta sar *resurfacing* tat-triq, il-Kunsill qabel li jagħmel l-arranġamenti neċċessarji.

5.8.2 Il-Kunsill ma qabilx ma' talba mir-residenti sabiex jitnaqqas parti minn Ġnien it-Tabib George Zarb biex b'hekk titwessa' Triq is-Sardinell.

5.8.3 Ġiet ippreżentata kwotazzjoni mingħand *Mario Mallia*, fejn il-Kunsill qabel li jitwaħħlu 7 *bollards* fejn l-iskola primarja sabiex tiżdied is-sigurta' għat-tfal tal-iskola, u dan anke billi l-Kunsill kien infurmat li l-Pulizija lesti jieħdu ħsieb l-imsemmija *bollards*.

5.8.4 Rigward *railing* f'Misraħ Awrikarja l-Kunsill approva li jsir bil-prezz ta' €425, flimkien ma' *railing* f'Misraħ Lewża bil-*u shaped bollards*.

5.8.5 Il-Kunsill qabel li għandu jivverifika ilmenti dwar nuqqas ta' ġbir ta' skart minn Triq iċ-Ċiklamini.

5.8.6 Rigward skart li qed jintrema wara ċint li ttella' fi Triq Sant'Antnin, il-Kunsill kien infurmat li se jsiru diskussjonijiet mal-propjetarju tas-sit.

5.8.7 Il-Kunsill kien infurmat li kien inħareġ permess sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fi ġnien li hemm fi Triq San Ġiljan fi żminijiet tal-festa u li ġew maqgħluha mingħajr awtorizżazzjoni tal-Kunsill kif ukoll saret ħsara f'wieħed minnhom u fiċ-ċint.

5.8.8 Il-Kunsill iddeċieda li filwaqt li jerġgħu jitwaħħlu dawn il-bankijiet mill-ħaddiema tal-IPSL, ma jinħareġ l-ebda permess ta' mwejjed u siġġijiet f'dan il-ġnien jew tip ta' permessi simili.

5.8.9 Il-Kunsill qabel li jorganiżża attivitajiet fi żmien il-Milied bil-għan li jinġabru fondi għal *Community Chest Fund*, filwaqt li tintbagħat ittra lill-E.T. il-President ta' Malta sabiex il-kunċert tal-Milied isir taħt il-patroċinju tiegħu u jiġi ppreżentat il-fondi miġbura.

5.8.10 Rigward talba sabiex tinqala' siġra f'Ta' Żwejt bejn l-appartamenti Msieraħ u Mensija peress li qed tagħmel ħsara fil-pedament, il-Kunsill kien infurmat li din is-siġra hija propjeta' privata.

5.8.11 Dwar plakka ta' *sponsorship* ta' bank fi Triq Ugo Carbonaro, il-Kunsill qabel li din il-plakka terġa ssir mill-ġdid peress li nkisret.

5.8.12 Rigward talba sabiex jeħel bank fis-*soft area* li hemm fi Triq Feliċ Borg, kien hemm qbil li ssir *site-inspection* sabiex jiġi vverifikat jekk jistax isir bank f'din is-*soft area*.

5.8.13 Dwar talba sabiex issir *traffic calming measure* fi Triq Sant'Antnin, ġie deċiż li din tiġi nkluża fil-lista ta' talbiet lill-Awtorita'.

5.8.14 Il-Kunsill qabel li l-*flood light* ta' Triq il-Lantana terġa' tiġi nstallata fid-direzzjoni oriġinali tagħha.

5.8.15 Il-Kunsill qabel li *litterbin* fi Vjal ir-Rihan fejn il-*bus shelter* ftit 'il fuq mill-Knisja, jinqala' u jitpoġġa faċċata maġenb il-*bus shelter* l-ieħor.

5.8.16 Il-Kunsill kien infurmat li Sr. Monica Pullicino, soru fil-komunita' tas-Sorijiet Franġiskani ġewwa Korfu, preżentat ktieb lis-Sindku, fejn kien hemm qbil li tintbagħat nota ta' ringrazzjament.

## 5.9 Kunsiderazzjoni u Approvazjoni: Skeda ta' Pagamenti

5.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti numru 6 u 7 li jinsabu anessi ma' dawn il-Minuti bħala dokumenti "5E" u "5F".

5.9.2 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

5.9.3 *"Il-Kunsill japprova il-ħlasijiet ta' l-iskedi tal-pagamenti numru 6 u 7."*

5.9.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u għaddiet unanimament.

5.9.5 Il-laqgħa ntemmet fid-9.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum **30** ta' Ottubru, 2009

| | |
|---|---|
| Joseph Agius | Adrian Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |